ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 2 ta' Ottubru, 2024

Talba Nru: CCT104/23/DS

Francesca Genovese

Vs

Power House – RC Collections Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-20 ta' Gunju, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata jibdlulha jew jirranġawlha s-sufan illi hija ssostni illi niżel minn kuxxin partikolari;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-8 ta' Awissu, 2023 fejn ċaħdet dawn l-allegazzjonijiet u sostniet illi l-erbgħin sufan in stock pariġġu kollha huma tal-istess morbidita' u li s-sufan m'għandu l-ebda tip ta' ħsara;

Ra illi l-attriċi preżentat il-pużizzjoni tagħha filwaqt illi s-soċjeta' intimata straħet fuq ir-risposta tagħhha għaliex kienet assenti mill-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tal-attriċi, bil-ġurament illi kulma għamlet huwa illi kkonfermat it-talba tagħha u żiedet tgħid illi hija ma kienetx ser tinsisti fuq riżarċiment jekk is-soċjeta' intimata timlilha l-cushion sabiex tiġi kif kienet originarjament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-attriċi bl-ebda mod ma ġabet prova ta' dak illi qiegħda ssostni u hija biss il-kelma tagħha kontra l-kelma tas-soċjeta' intimata illi ġew preżentati quddiem dan it-Tribunal.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi.

Bl-ispejjes kontra l-istess attriċi.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru